**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 14 ta`Lulju 2016**

**Kawza Nru. 12**
**Rik. Nru. 643/11 JZM**

**Ludwig Calleja [detentur tal-karta tal-identita` numru 433173M] u martu Claire Calleja [detentrici tal-karta tal-identita` 337374M]**

***kontra***

**Samuel Abela [detentur tal-karta tal-identita` numru 275962M u L S Pacifico Engineering Company Limited [bin-numru ta` registrazzjoni C-49292]**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors prezentat fit-29 ta` Awwissu 2011 li jaqra hekk :–

*1. Illi l-esponenti huma azzjonisti u Ludwig Calleja kien ghal xi zmien direttur tas-socjeta` LS Pacifico Engineering Company Limited. L-uniku direttur u azzjonist iehor fl-istess kumpannija kien l-intimat Samuel Abela ;*

*2. Illi fi zmienijiet ricenti, inholqot sitwazzjoni ta` dizgwid, sfiducja u animosita` reciproka bejn il-partijiet Calleja u Abela, tant li l-amministrazzjoni u n-negozju tas-socjeta` intimata bata f`manjiera gravi immens. Din is-sitwazzjoni ddeterjorat tant li llum hemm tkissir komplet fil-komunikazzjoni bejn l-imsemmija partijiet, li ma jirnexxilhomx jitkellmu u wisq inqas jifthemu bejniethom minghajr l-assistenza tal-konsulenti legali taghhom ;*

*3. Illi kif se jigi pruvat fil-mori ta` din il-kawza, dan in-nuqqas ta` ftehim illum huwa rriversibbli u l-antagonizmu bejn il-partijiet in kwistjoni rrevokabbli ;*

*4. Illi fil-fatt Ludwig Calleja rrizenja minn direttur nhar is-7 ta` Frar 2011 u Samuel Abela rrizenja minn Direttur nhar it-8 ta` April 2011 ghalkemm ghadu jokkupa l-kariga ta` Company Secretary ;*

*5. Illi nhar id-9 ta` Frar 2011, ir-rikorrent Ludwig Calleja kien kiteb formalment lill-intimat Samuel Abela fejn urieh ix-xewqa tieghu li l-kumpannija tigi xolta u alternattivament jekk l-istess Abela xtaq ikompli bl-operat li bieghlu sehmu fl-istess kumpannija ;*

*6. Illi l-istess Samuel Abela wera li huwa kien aktar dispost li jipprocedi bix-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija intimata ;*

*7. Illi l-partijiet diga` kienu qed jesploraw il-possibilita` ta` xoljiment u stralc permezz tal-procedura ta` members voluntary winding up izda minhabba azzjonijiet imputabbli unikament lill-intimat Samuel Abela dan ma sehhx ;*

*8. Illi kif ser jigi ppruvat fil-mori ta` dawn il-proceduri, ir-raguni principali ghad-dizgwid bejn il-partijiet kien l-approprjazzjoni indebita da*

*parti tal-intimat Samuel Abela ta` assi u fondi spettanti lis-socjeta` intimata u ta` agir flimkien ma terzi li kien ta` pregudizzju ghall-interessi tas-socjeta` bi ksur tal-obbligi fiducjarji tal-istess Samuel Abela ;*

*9. Illi minhabba tali agir il-partijiet ghadhom sal-lum ma jafux verament l-istat finanzjarju tas-socjeta` u dan minhabba l-oskurar ta` informazzjoni da parti mill-istess Samuel Abela kemm lir-rikorrenti kif ukoll lill-accountant li kien jiehu hsieb il-kotba tal-kumpanniji dwar pagamenti mhallsa lis-socjeta`, pagamenti li ghadhom iridu jsiru lill-kumpanniji minn klijenti taghha, xoghol li sar mill-kumpannija li ghalih kienet ghadha ma hargitx il-fatturi relattivi, xoghlijiet pendenti tas-socjeta` kif ukoll ta` stock movements tal-istess socjeta` tant li meta l-istess accountant pprova johrog b`abbozz ta` accounts spicca b`rizultanzi inversomili u illogici ;*

*10. Illi hekk jirrizulta li malli beda d-dizgwid bejn il-partijiet, l-istess Samuel Abela bl-ghajnuna ta` terzi wara li allegatament gew terminati xi kuntratti ta` appalt li kellha s-socjeta` intimata baqa jopera hu personalment u/jew taht il-kappa ta` entita` terza dawn il-kuntratti u jinkassa l-qliegh relattiv b`detriment ghar-rikorrenti u s-socjeta` intimata ;*

*11. Illi ai fini ta` lealta` u korrettezza ghandu jinghad li waqt li l-partijiet kienu qed jesploraw il-possibilita` ta` members voluntary winding up ir-rikorrenti Calleja u l-intimat Abela hallsu xi kredituri tal-kumpannija kif ukoll hallsu somom ohra dovuti mill-istess socjeta` bhal pagi u taxi ;*

*12. Illi ghalkemm l-esponenti Calleja kienu qed ihallsu huma personalment jidher li l-intimat Abela kien qed ihallas minn fondi li huwa approprja indebitament a pregudizzju tal-istess Calleja u s-socjeta` intimata ;*

***Il-bzonn urgenti ghal hatra ta` amministratur provvizorju.***

*13. Illi l-ligi, tramite l-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta) taghti lill-Qorti l-fakulta` li tahtar amministratur provvizorju pendente lite, jekk hekk jidhrilha li jkun idoneu ;*

*14. Illi mill-premessi tal-esponent, jidher car li hemm dizgwid qawwi fl-amministrazzjoni tal-kumpannija, u dan kemm mil-lat ta` negozju, in kwantu m` hemm l-ebda kontroll dwar dhul u hrug ta` stock, kif ukoll mil-*

*lat finanzjarju, in kwantu m` hemm l-ebda kontabilita` jew kontroll dwar hrug u dhul ta` flus tal-kumpannija ;*

*15. Illi dan l-istat ta` fatt qed iwassal ghal deterjorazzjoni rapida fis-sitwazzjoni tal-kumpannija, u anke kompla gharraq ir-relazzjoni ormai dizastruza li tezisti bejn iz-zewg gruppi ta` azzjonisti tas-socjeta` intimata. L-esponenti jhoss li sabiex l-assi u l-finanzi tal-kumpannija L S Pacifico Engineering Company Limited jigu mharsa u konservati sakemm jasal iz-zmien ghall-istralc tal-istess, it-tmexxija tal-kumpannija ghandha tghaddi f`idejn amministratur provvizorju, figura indipendenti u supra partes;*

*Ghaldaqstant l-esponenti in vista tal-premess, umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*1. Tahtar amministratur provvizorju sabiex pendente lite u provvizorjament jamministra l-assi u n-negozju tas-socjeta` konvenuta taht dawk id-direttivi u ordnijiet li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha huma xierqa u opportuni, u dan a tenur ta` l-Artikolu 228 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*2. Taghmel jekk jidhrilha hekk xieraq dawk l-ordnijiet necessarji ai termini tal-Art.402 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*3. Tordna ix-xoljiment u l-istralc konsegwenzjali tal-istess socjeta`.*

*4. Tahtar l-istralcjarju u jigi kondott l-istralc konsegwenzjali skont id-dispozizzjonijiet tal-Att dwar il-Kumpanniji.*

*Bl-ispejjez inkluz dak tal-mandat ta` sekwestru fl-ismijiet premessi numru 807/11 u b`riserva ghal kull azzjoni ulterjuri fil-ligi.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrenti u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors.

Rat ir-risposta li pprezenta l-intimat Samuel Abela fis-<u>7 ta` Ottubru 2011</u> li taqra hekk :–

*1. Illi minghajr ma l-esponent ma jidhol f`indoli ta` natura procedurali, jiddikjara illi huwa jaqbel illi ghandha ssir il-likwidazzjoni tas-socjeta` mertu ta` din il-vertenza izda mhux necessarjament ghall-kawzali mill-attur indikati ;*

*2. Illi l-allegazzjonijiet esposti fir-rikors promotur dwar tmexxija rregolari u oskura imputabbli lill-intimat u allegazzjonijiet ohra huma kollha michuda bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;*

*3. Illi l-esponenti ma ghandux ibati l-ispejjez ta` dawn il-proceduri stante illi kien proprju r-reluttanza tal-attur Ludwig Calleja illi l-procedura ta` members voluntary winding up ma sehhitx u in oltre kien l-attur illi mexxa l-affarijiet fis-socjeta` mertu ta` din il-vertenza b`mod mhux gust u pregudikali ;*

*4. Salv eccezzjonijiet ohra kif permessi mil-ligi.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati fir-risposta.

Rat illi s-socjeta` ntimata, ghalkemm kienet debitament notifikata, ma pprezentatx risposta.

Semghet ix-xhieda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

**Rat il-verbal tal-udjenza tad-9 ta` Mejju 2016 fejn ir-rikorrenti rtiraw l-ewwel u t-tieni talbiet, bla pregudizzju ghal kwalsiasi talbiet li huma jikkontendu li ghandhom kontra l-kumpannija ntimata, u kontra l-intimati Abela de proprio. Inoltre kien dikjarat mir-rikorrenti illi l-bazi legali tat-talba ghax-xoljiment u l-istralc tas-socjeta` ntimata huwa l-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386. Baqghu jinsistu fuq ir-raba` talba.**

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghall-provvediment ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Sintesi tal-provi</u>

**<u>Ir-rikorrent</u>** ipprezenta x-xiehda tieghu b`affidavit.

Xehed illi hu u l-intimat Samuel Abela saru jafu lil xulxin tramite Michael Bonello.

Waqqfu l-kumpannija ntimata fl-1 ta` April 2010, ghalkemm kienu diga` bdew jiehdu xoghol ta` dawl u ilma flimkien.

Ighid illi l-ftehim kien li fix-xoghol u anke fis-*shareholding*, kollox kellu jinqasam nofs bin-nofs.

Qal illi kienu mpjegati xi haddiema fosthom : John Ibe, certu Harry cittadin barrani, Victor Mallia, Chris Fenech, Ivan Scicluna, Simon Grech, Aldo Caruana, Joseph Azzopardi u Oliver Veneziani.

Stqarr illi sar xoghol mis-socjeta` ntimata fl-azjendi segwenti : Danish Village, Mellieha,  Marsa Pumping Station, Malta Hilton, Hotel Phoenicia, Hotel Bellavista, Bidnija Shooting Club, Fabbrika De La Rue u RMF.

Qal illi d-dokumenti tax-xoghol kienu jinzammu minn Samuel Abela.

Fisser illi David Haber kien inkarikat biex izomm il-kotba tal-kumpannija.

Qal illi wara li l-kumpannija bdiet tahdem, Samuel Abela avzah illi kien ser imur jahdem il-Libja, erba` gimghat il-Libja u erba` gimghat Malta.

Stqarr illi huwa kien jiehu hsieb iqassam ix-xoghol, il-haddiema, il-gbir ta` flus u l-pagi.

Qal illi l-kumpannija kellha zewg kontijiet mal-Bank of Valletta plc : kont minnhom kien fixed li kellu €10,000 b`facilita` ta` overdraft ta` €6,000 ; l-iehor kien current li wara nghalaq.

Spjega li hadu self ta` €4,500 sabiex inxtrat vann ghax-xoghol.

Fisser illi lMarika Deguara, Manager tal-BOV, fil-fergha tan-Naxxar, kienet tiehu hsieb l-accounts tal-kumpannija.

Qal illi ghax-xoghol huma kienu juzaw il-vetturi rispettivi taghhom.

Stqarr illi l-materjal kollu kien jinzamm gewwa zewg garages li l-kumpannija kienet kriet ghal xi €820 fis-sena.

Xehed illi huwa kien jiddepozita l-flus kollha tax-xoghol fil-bank. Ighid illi f`temp ta` tmien xhur, kienu depozitati l-bank madwar €95,000.

Jaghti elenku tal-ghodda li nxtraw b` valur ta` circa €3,500.

Jistqarr illi l-ewwel intopp ma` siehbu nqala` wara l-Milied ta` l-2010.

Ighid illi kellu battibek ma` Luke Abela, iben Samuel, meta Luke ordna lil haddiem biex ma jidholx ghax-xoghol.

Fisser illi Luke Abela beda jipprova jiehu *over*.

Ighid illi bhala direttur spicca ma jiswa xejn minhabba l-indhil kontinwu ta` Luke Abela.

Isostni li ma kenitx haga tajba li Samuel Abela jqatta` tant zmien imsiefer waqt li hu kellu jerfa` r-responsabilitajiet kollha.

Jistqarr illi fix-xoghol tad-Danish Village, saru manuvri minn Samuel Abela sabiex huwa jitwarrab. Kellu suspett li x-xoghol tad-Danish Village gie jiswa ferm aktar milli kien miftiehem. Qal illi Samuel Abela beda jghid li n-negozju kien sejjer hazin ghax kien qed isir xoghol hazin. Spjega li fl-24 ta` Jannar 2011, huwa qata` l-kuntatt mal-kumpannija. Fid-9 ta` Frar 2011, kiteb lil Samuel Abela permezz ta` l-avukati tieghu sabiex tigi xjolta l-kumpannija jew sabiex huwa jbiegh l-ishma tieghu.

Ipprezenta emails li juru li wara li telaq hu, ma kienx hemm min imexxi x-xoghol tal-Hotel Phoenicia.

Qal illi x-xoghol tal-Hotel Phoenicia u tad-Danish Village baqa` ghaddej minkejja li Samuel Abela kien sostna li dawk ix-xogholijiet kienu ser jieqfu.

Stqarr illi wara saru xi laqghat, sar ftehim fis-sens illi kull parti kellha tibqa` taghti l-informazzjoni lil David Haber sabiex ikun jista` jaghlaq il-kotba, imbaghad isir l-audit u l-kumpannija tkun tista` tinghalaq bil-kwiet. Huwa ta l-informazzjoni lil Haber izda Samuel Abela ma bediex jikkopera. L-iskop ta` Abela kien illi l-kumpannija jkollha t-telf u hu jispicca ma jiehu xejn. Ighid illi kien anke hallas minn flusu l-pagi tal-haddiema, il-mobile phone tal-kumpannija, u xi kredituri tal-kumpannija. U ghadda rendikont ta` kollox lil Haber. Kien hemm intiza li Abela jiehu l-van tal-kumpannija u jaghmel tajjeb ghas-self tal-bank. Huwa nghata biss tlett bicciet ghodda filwaqt li l-ohrajn hadhom Abela. Stqarr illi Abela beda jghid li ma kienx hemm stock hlief ghal wire wiehed tal-1.5 ; fil-verita` l-garages kienu mimlija bl-istock.

Ighid illi m`ghandux fiducja f`Samuel Abela. Qatt ma ntwera l-kuntratt tal-pumping station tal-Marsa, minkejja li Abela kien dejjem ighidlu kemm hemm xoghol. Huwa gieli ra l-vann tal-kumpannija fil-pumping station u anke xi tnejn mill-haddiema. Huwa spjega li lanqas setghu jaslu fi qbil dwar kemm fadlilhom jigbru minghand in-nies. Huwa spicca ha hsieb applikazzjoni tad-dawl ghal block fil-Kalkara ghan-nom ta` Nicholas Calleja peress li Abela rrifjuta li jaghmel l-applikazzjoni minkejja li dan Calleja kien diga` hallas ghal parti mix-xoghol. Ghamel kollox minn butu sabiex jevita kawzi kontra l-kumpannija.

Qal illi huwa ghamel il-kawza sabiex verament ikun jaf x`dahlet il-kumpannija u x`ghad fadlilha tiehu. Huwa spjega li ma jistax jaccetta li wara dak ix-xoghol kollu, Samuel Abela jfalli l-kumpannija u jiehu dak li kellu jinqasam bejniethom.

Fil-**kontroezami**, xehed illi huwa kien direttur tas-socjeta` ntimata sa April 2010 meta rrizenja.

Qal illi hu kien jigbor il-flus u jpoggihom il-bank. Ikkonferma li kien gibed xi flus ukoll u anke hareg cheques mill-flus tal-kumpannija. Ikkonferma li kien gibed l-ammont ta` €4,114.77c li kien hemm f`kont tal-bank tas-socjeta` u pogga l-flus go kont personali tieghu. Ghamel hekk peress li kien sab li l-affarijiet li kienu tieghu kienu msakkra u ghalhekk qabad u ha l-flus. Kompla jghid li llum il-gurnata ha xi affarijiet lura izda huwa ma hallas xejn lura minn dawk il-flus.

Ighid illi kienu nxtraw b`madwar €3,500 f`ghodda mill-kumpannija. Kien hemm b`kemm jiswew €3,000 f`ghodda li kienu tieghu personalment. Huwa spjega li gieli hareg flus minn butu u imbaghad thallas wara mill-flus tal-kumpannija. Huwa kkonferma li l-paga li kien jithallas kull gimgha kienet issir gieli b`cheque jew bank transfer. Samuel Abela ma kienx jithallas paga ta` direttur meta kien ikun il-Libja.

Stqarr illi huwa kien baqa` jahdem mal-Hotel Vivaldi ghal xi saghtejn jew tlett sighat kuljum sakemm spicca.

Huwa spjega li kien inxtara vann u karozza Peugout. Din tal-ahhar kienet giet trasferita fuq ismu bl-intiza li l-karozza kienet tal-kumpannija. Bhala paga ta` diretturi, kienu jithallsu €400 fil-gimgha. Huwa nsista li ma setax jibqa` jahdem ghax kien gie mkecci mid-Danish Village kif ukoll peress li sab is-serraturi tal-garaxxijiet tal-kumpannija mibdula.

**David Haber** xehed illi hu accountant. Kull xahar kien jiltaqa` ghand is-socjeta` ntimata biex izomm il-kotba. Kien inhatar ghal dan ix-xoghol f` Gunju 2010. Inqala` l-inkwiet bejn Ludwig Calleja u Samuel Abela fil-bidu ta` Jannar 2011. Dawn ghandhom ishma ndaqs fis-socjeta`.

Spjega li kien jinghata d-dokumenti relatati mad-diversi progetti. Il-problema li sab kienet li huwa ma setax jistabilixxi l-*works in progress.* Kien hemm bejn erba` jew hames impjegati. Is-socjeta` kellha xi self fuq xi vettura u *overdraft* zghira. Sa Dicembru 2010, kien hemm qligh ta` €1,500, izda ma kienx stabilixxa l-*works in progress.* Hejja *draft accounts* ghall-2010 izda kien hemm nieqsa l-*works in progress* li kienet item sostanzjali nieqes.

Stqarr illi saru laqghat bejn l-azzjonisti li ghalihom huwa kien prezenti. Id-diretturi obbligaw ruhhom li jghaddulu d-dokumenti sabiex huwa jkun jista` jikkompleta x-xoghol tieghu. Il-partijiet ma qablux la dwar materjal u lanqas dwar stock. L-unika haga li qablu dwarha kien dwar l-ammont li kien thallas mill-fabbrika De La Rue ghal xoghol li sar hemm. Li gara kien li certa progetti tkomplew minn wiehed u ohrajn mill-iehor. Sostna li qatt ma sar *survey* sabiex jigi kostatat kemm jiswa kuntratt, kemm sar xoghol minnu, u kemm kien fadal xoghol x` jsir. Dan ma sarx ghaliex ma kienx hemm kooperazzjoni bejn id-diretturi. Huwa kkonferma li qatt ma tqabbad awditur u lanqas ma` saru *audited accounts.* Qa illi kien hemm qbil illi jsiru hlasijiet dovuti bhala sigurta` socjali u VAT sabiex ma jibqghux pendenzi ta` din ix-xorta. Xi hlasijiet saru mill-flus tal-kumpannija, ohrajn mill-azzjonisti personalment. Huwa ghandu nota ta` dawn il-hlasijiet.

Spjega li bhala stock, kien gie kollox ezawrit peress li ntuza fil-progetti. Kien inxtara b`kemm jiswew €43,000 materjal. Sa Dicembru 2010, kien fadal minnu b`€2,900. Safejn jaf hu l-ghodda li kien fadal baqghet fil-garage li zamm Samuel Abela. L-ghodda suppost li kienet lit-tnejn peress li kienet tal-kumpannija. Qasmu parti biss mill-ghodda. Il-garages kien jiehu hsiebhom Samuel Abela izda wiehed minnhom kien mikri lill-kumpannija.

**Vincent Bezzina** mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta` l-Ilma xehed illi huwa Operations Manager fis-sistema teknika. Il-kuntratt ghal *pumping station* tad-drenagg inghata lil Rock Cut Ltd. Qatt ma sema` bis-socjeta` ntimata. Ma eskludiex li seta` kien hemm sub-appalt.

**Perit Emanuel Zammit** xehed illi huwa jaf lill-partijiet minn wicchom. Il-kuntratt tal-Water Services Corporation inghata lill-kumpannija tieghu Rock Cut Limited. Din ma kellha l-ebda relazzjoni mas-socjeta` ntimata. ETAS Electro Mechanical Supplies & Services Limited kellha hsieb taghmel ix-xoghol. Kull ma fadal kienu xi xogholijiet zghar biex jitlesta l-progett.

**Clive Axiaq** direttur ta` ETAS Electro Mechanical Supplies & Services Ltd xehed li l-kuntrattur principali tal-progett tal-Marsa Pumping Station kienet Rock Cut Limited. Din imbaghad tat parti mill-progett biex isir minn ETAS. Spjega li huwa kien tkellem ma` Samuel Abela dwar jekk kienx interessat fil-progett. Il-progett ra l-bidu tieghu fl-2008 izda x-xoghol propju beda fl-2010. Samuel Abela kien laqqghu ma` Ludwig Calleja u sar jaf bis-socjeta` ntimata. Meta nqalghet il-kwistjoni ta` bejniethom, huwa kien ircieva mandat ta` sekwestru sabiex il-kumpannija ntimata ma tithallasx. ETAS hallset madwar €5,000 fil-bidu ta` meta beda x-xoghol. Il-pagament sar b`cheque mahrug fuq isem is-socjeta` ntimata. Din kienet akkwistat xi materjal minghand ETAS ghal progetti ohra u Samuel Abela hallas il-parti tieghu izda l-parti l-ohra baqghet ma thallsitx lil ETAS. Wara li nqalghet il-kwistjoni bejn Calleja u Abela, ix-xoghol tkompla minn Luke Abela, li iben Samuel Abela. Baqghu jahdmu wkoll xi nies li qabel kien jahdmu mas-socjeta` ntimata.

Stqarr illi l-€5,000 thallsu ghal xoghol li kien tlesta. Qal illi sab lil Luke Abela biex ikompli bix-xoghol, wara li nqala` l-inkwiet fis-socjeta` ntimata. Ippreciza li l-ewwel thallsu €2,000 ; imbaghad thallsu €3,000 ghaliex Ludwig Calleja kien talbu xi flus biex ikun jista` jhallas il-pagi. Samuel Abela kien ilmenta mieghu dwar dan peress li s-socjeta` ntimata kellha taghti flus lil ETAS ghal materjal li kienet xtrat minghandha. Ix-xoghol ta` Luke Abela fil-pumping station spicca ghal habta ta` Awissu 2011. Luke Abela thallas wara li sar il-mandat ta` sekwestru.

Ipprezenta tliet *invoices* li juru l-hlasijiet li ghadhom pendenti mis-socjeta` intimata. Juru materjal li xtrat minghand ETAS. Din tal-ahhar irceviet minghand is-socjeta` ntimata nvoice ghal xoghol li sar fil-Marsa ghall-ammont ta` €3,876.03c. Kien hemm ukoll invoice ghal €1,080 prezz ta` materjal li s-socjeta` ntimta xtrat ghan-nom ta` ETAS. L-ewwel hareg cheque ghal €500 lis-socjeta` ntimata, segwit minn iehor ghal €2000, u iehor ghal €3000. ETAS ghandha bilanc favur taghha ta` €8, 750.64c. Huwa talab il-hlas lil Samuel Abela izda l-hlas ghadu ma sarx. In segwitu meta rega` xehed kkonferma li l-bilanc dovut kien thallas minn Samuel Abela b`xoghol li ghamel favur ETAS.

Fil-**kontroezami**, xehed illi fil-bidu tal-2011, meta Samuel Abela kien imsiefer, Ludwig Calleja kien mar ighidlu li kien inqala` nkwiet bejniethom. Calleja ma regax mar fuq il-lant tax-xoghol. Rinfaccjat b`dik is-sitwazzjoni huwa nkarika lil Luke Abela biex ikompli x-xoghol u ghal dan l-iskop ghamel ftehim separat mieghu. Kien qabbad ukoll xi persuni li kienu jahdmu mieghu *part time* biex jghinu lil Luke Abela.

**Michael Bonello** xehed li huwa d-Direttur Manigerjali tas-socjeta` Electronics Systems Design Limited, kif ukoll direttur tas-socjetajiet MCS u MIIS. Ighid illi s-socjeta` ntimata ghamlet xoghol ta` *refurbishment* u stallazzjoni ta` l-elettriku fil-fabbrika taghhom kif ukoll xi xoghol fil-Lukanda Hilton. Ghamlet ukoll xoghol fid-Danish Village ghan-nom taghhom, fil-Lukanda Phoenicia u fil-Bellavista. Ipprezenta r-ricevuti kollha relatati mas-socjeta` ntimata.

Qal illi kien hemm zmien meta l-ktieb tar-ricevuti tal-VAT kien qieghed fl-isem ta` Samuel Abela u mhux tas-socjeta` ntimata. Ighid illi qatt ma qabbad lil Samuel Abela apparti mis-socjeta` ntimat. Din tal-ahhar lestiet ix-xoghol kollu tal-Hilton. La Samuel Abela u lanqas Ludwig Calleja ma baqghu jigu nkarikati b` xoghol, izda kien hemm xi xoghol zghir li nghata lil Luke Abela. Ma` s-socjeta` ntimata ma kienx hemm ftehim bil-miktub. Fil-Hilton, LS Pacifico kellha taghmel xoghol go 150 kamra u mhux fil-kmamar kollha. Meta ma baqghux jahdmu mas-socjeta` ntimata, kien sar xi xoghol minn Richard Calleja u anke minn Luke Abela. Il-progett tal-Phoenicia kien fdat lil LS Pacifico izda twaqqfu mic-Chief Engineer tal-Phoenicia u x-xoghol tlesta minn Richard Calleja. Anke fid-Danish Village, ix-xoghol kien fdat lil LS Pacifico izda twaqqaf minhabba xoghol hazin u tlesta minn haddiehor.

Fil-**kontroezami**, Michael Bonello spjega li kien ircieva telefonata minghand Ludwig Calleja fejn infurmah li huwa kien ser jarma ghal rasu u sabiex ix-xoghol li ghandu jghaddih lilu. Huwa avza b`dan lil Samuel Abela. Dan deher mistaghgeb u gie lura mil-Libja. Qal illi l-persuna inkarikata mid-Danish Village kienet talbitu sabiex Ludwig Calleja ma jersaqx aktar `l hemm. Ix-xoghol tal-Bella Vista u tal-Phoenicia kellu jerga` jsir mill-gdid minn socjeta` ohra.

**Nicholas Calleja** xehed illi huwa zviluppatur tal-bini. Ighid illi kien inkarika lil Samuel Abela u Ludwig Calleja b`xogholijiet. Tahom depozitu akkont biex jixtru l-materjal. Beda x-xoghol u bdew jitolbuh hlasijiet. Kien ihallashom personalment mhux taht socjeta`. F`daqqa wahda spicca ma mar hadd aktar fuq il-lant tax-xoghol ghax inqala` l-inkwiet bejniethom. Huwa insista li ma kienx jaf bil-kumpannija LS Pacifico. Huwa spjega li zamm rendikont tal-hlasijiet li ghamel hlief ta` l-ewwel pagament li ghamel dakinhar tal-ftehim. L-appalt tkompla minn Ludwig Calleja izda baqa` jzomm l-istess rati. Kien tkellem ma` Samuel Abela li qallu li ma setax ikompli bix-xoghol ghax kien sar mandat ta` sekwestru. Huwa hareg aktar

flus biex Calleja seta` jkompli bl-appalt izda mbaghad sar ftehim li dawn il-flus jaghtihomlu Calleja b`xoghol band`ohra.

**Duncan Agius** ghal Electrical Supplies & Services Limited xehed illi s-socjeta` ntimata kellha bilanc xi thallashom fl-ammont ta` €2,764.98. Waqt li Samuel Abela hallas 50% tal-kont, Ludwig Calleja baqa` ma hallasx il-50% tieghu. Abela kien ghamel xi tnejn jew tliet pagamenti fl-2012. Fil-**kontroezami**, fisser illi LS Pacifico kienet tixtri l-materjal minghandhom. Il-flus kienu dovuti minn LS Pacifico.

**Michael Catania** xehed illi huwa ghandu diversi kumpaniji fosthom Tiger Brand u Catania & Sons Limited. Il-kumpanniji tieghu kienu nkarikaw lis-socjeta` ntimata b`appalt izda in segwitu x-xoghol komplieh Samuel Abela wahdu. Huwa hallas lil LS Pacifico. Qabel ma l-inkariku nghata lis-socjeta` ntimata, kien inkarika fuq xoghol iehor lil Samuel Abela wahdu u dejjem kien kuntent bix-xoghol tieghu. Ma kellu l-ebda pendenza mas-socjeta` ntimata ghaliex ix-xoghol hazin li kien hemm issewwa minn Samuel Abela.

**Aldo Caruana** xehed li huwa kien jahdem ma` s-socjeta` ntimata. Meta nqala` l-inkwiet bejn Calleja u Abela, tal-ahhar talbu biex inehhi l-affarijiet minn garaxx u jqeghdhom go garaxx iehor li kien propjeta` tal-familja Abela. Kien hemm affarijiet li Abela ma kienx gharaf li huma ghodda tieghu u ghalhekk thallew fil-garaxx. Sostna li dawn l-ghodod kienu tal-lukanda Vivaldi fejn Ludwig Calleja kien jahdem part time. Fost dawn l-affarijiet, kien hemm xi *clamps* tal-Wurth u xi lampi. Ix-xoghol tieghu kien li jaghmel l-RMS boxes. Ighid li Calleja kien cempillu u qallu biex ma jidholx ghax-xoghol izda mbaghad Luke Abela qallu biex jaghmel ix-xoghol mid-dar. L-RMS boxes kellhom jitwahhlu fid-Danish Village.

**Martin Abdilla** - Maintenance Manager tal-Lukanda Vivaldi xehed illi Samuel Abela kien ghenu f`okkazjoni partikolari meta kien mar id-dawl fil-hotel. Huwa kien inghata minn Abela zewg gee clamps. Abela kien qallu li kien sabhom fil-workshop tieghu. Meta staqsa kif dawn waslu ghandu, Abela semma li Ludwig Calleja li kien jahdem part time il-lukanda u kien jahdem mieghu wkoll.

**L-intimat** xehed illi s-sengha tieghu hija dik ta` *electrician*. Kien iltaqa` ma` Ludwig Calleja waqt xoghol li ghamel fil-Hotel Vivaldi fejn Calleja kien jahdem. Calleja kien cempillu biex jaghmlu xi xoghol ghand certu Sunny Abdilla li kien ha kuntratt ta` appalt minghand Nicholas Calleja

ghal postijiet go Marsaskala, Kalkara u Fgrua. Il-ftehim kien li wara l-hlas ta` l-ispejjez tal-materjal u tal-paga tal-impjegat tieghu, il-qliegh kellu jinqasam nofs bin-nofs. Huwa kien induna li Ludwig Calleja ma kienx tal-mestier bhalu izda peress li Calleja kien jsostni li ghandu hafna kuntatti u opportunitajiet, huwa kompla jahdem flimkien mieghu.

Qal illi beda jiehu lil Ludwig Calleja anke fuq ix-xogholijiet tieghu u kien jaqsam id-dhul mieghu nofs bin-nofs. Wara xi sitt xhur li hadu l-kuntratt minghand Abdilla, iddecidew li jiffurmaw il-kumpanija ntimata. Dahlu ghax-xoghol tal-kuntratt ta` Abdilla kif ukoll il-kuntratt tal-pumping station tal-Marsa li kien kuntratt li kien inghata lilu verbalment. Huwa spjega li kien gab ukoll xoghol minghand klijenti antiki tieghu fosthom RMF Ltd, Michael Bonello, u Malta Shooting Federation. Bdew jimpjegaw aktar nies. Huwa u Calleja kienu l-unici diretturi u ftehmu li jiehdu paga ta` €250 fil-gimgha.

Stqarr illi kienu bdew juzaw il-garaxx tieghu bhala ufficju tal-kumpannija minghajr ma talab kera, hlasijiet ta` dawl u telefon. Meta kien il-Libja, huwa kien gieli baghat pjanti tax-xoghol li kien ikun fassal biex jimxi x-xoghol. Calleja kellu jiehu hsieb ix-xoghol ta` l-ufficju u l-gbir tal-flus. Kien ta l-vann tieghu ghall-uzu tal-kumpannija minghajr l-ebda kumpens. In segwitu kien inxtara vann b`self mill-Bank of Valletta plc. Inxtrat vettura Peugeot 206 minghand oht Calleja. Din il-karozza hadha Calleja minghajr il-permess tieghu u qatt ma rritornaha.

Qal illi fil-bidu r-relazzjoni ma` Calleja kienet tajba u kienu anke awtorizzaw lit-tifel tieghu Luke sabiex jibda jitghallem il-mestier ta` accountant. Meta lilu giet l-opportunita` li jahdem il-Libja, ftiehem ma` Calleja sabiex fil-gimghat li jdum jahdem il-Libja ma jithallasx mill-kumpannija taghhom, minkejja li huwa kien ifassal il-pjanti u jaghzel il-materjal li kellu jintuza.

Qal li Calleja beda jilmenta li bil-paga li kellu ta` direttur ma kienx jghaddi u ghalhekk talab li tizdied ghal €400 fil-gimgha netti. Calleja kellu dritt jiehu petrol ghall-karozza tieghu a spejjez tal-kumpannija kif ukoll mobile phone a spejjez tal-kumpannija.

Stqarr illi l-problemi bdew waqt ix-xoghol fuq il-progett tad-Danish Village. Huwa kien fassal kif kellu jsir ix-xoghol u Calleja kellu jesegwixxi. Gara li Calleja qal ma` terzi li Michael Bonello ma kienx qed jaghtih il-

materjal biex ikompli jahdem. Huwa qal lil Calleja sabiex ma jitkellimx fil-vojt peress li Michael Bonello kien jaghtihom hafna xoghol. Inholoq hafna tgerfix fl-operat peress li Calleja ma kienx qed jimxi mal-excelsheet li kien jfassallu u jimmarka x-xoghol li kien sar u dak li kien ghadu ma sarx.

Kompla jghid illi meta kien il-Libja, Michael Bonello cempillu u qallu li Calleja kien infurmah li kien ser ikompli x-xoghol hu wahdu. Imabghad ibnu nfurmah li Calleja kien qallu li l-haddiema kienu kollha marru jahdmu mieghu u li kien sejjer jiehu l-ghodda. Ghalhekk huwa ta struzzjonijiet lil ibnu biex jaghmlu zewg katnazzi mal-garages u jsakkar sakemm jigi lura Malta. Il-manager ta` d-Danish Village kienet talbitu biex ma jibghatx lil Calleja aktar fuq il-post u sar ftehim biex jintbaghat haddiem biex jaghmel is-supervizjoni waqt li l-haddiema tad-Danish Village jistallaw huma l-RMS boxes u s-sistema kollha ghal rata ta` hlas ta` €60 eskluz il-Vat. Aldo Caruana, impjegat tas-socjeta` ntimata, inghata struizzjonijiet minn Calleja biex ma jkomplix jaghmel il-wiring tal-RMS boxes izda mbaghad ibnu tah struzzjonijiet biex ikompli jaghmel ix-xoghol mid-dar. Impjegat iehor Joseph Azzopardi telaq minn maghhom, u beda jahdem ma` Calleja.

Fisser illi s-shubija ma` Calleja sfaxxat u bdew jiddiskutu t-tmiem tal-kumpannija ma` David Haber. Kien biss waqt dawk il-laqghat illi sar jaf li l-kumpannija kellha kreduturi ohra apparti l-bank li kienu ETAS, ESDL, Richie Ironmonger, Wholsesale, Mario l-Lebaniz u mal-haddiema. Huwa ha l-briga li jhallas nofs id-djun kollha. Hallas ukoll kull ma kien dovut lil ETAS. Ta lista tal-ghodda li akkwistat is-socjeta` ntimata.

Qal illi kienu nxtraw tlett grinders zghar izda ma jafx fejn qeghdin. Il-*hole cutting machine* kienet inxtrat bi flus ta` Calleja u ghalhekk dik hija tieghu. Cahad li ghandu fil-pussess tieghu il-*pillar drill, sockets*, *universal spanners* u *narex drill.* Huwa jaf biss b`sellum wiehed li nxtara u li kien tkisser. Insista li kellu diversi ghodda personali qabel ma giet iffurmata l-kumpannija u li din l-ghodda huwa hadha lura. Ghamel elenka tal-materjal u stock li kien ghad fadal fl-ufficju tal-kumpannija. Insista li kien ghadda din il-lista lil David Haber.

Spjega li wiehed mill-garaxxijiet kien inkera minghand Valerio Rizzo u kienu tawh ic-cavetta lura meta spiccat il-kirja. F`dan il-garage huwa halla l-ghodda ta` Calleja jew tal-kumpannija li misset lil Calleja kif ukoll materjal ta` Calleja li kien gab mill-Vivaldi. Il-vann li xtrat il-kumpannija qieghed ghandu ; spicca jhallas id-dejn fuqu minn flus tieghu. Il-Peugeot inbieghet

minn Calleja u zamm il-flus ghalih. Huwa nsista li qatt ma ghamel xejn biex ikecci lil Calleja mill-kumpannija.

Ikkonferma li n-numru tal-VAT tal-kumpannija huwa 19879506. Hallas l-VAT dovut mis-socjeta` ntimata bi flusu fl-ammont ta` €1,000. Qal illi ma jidhirlux li dan in-numru tal-VAT ghadu jezisti.

Fil-**<u>kontroezami,</u>** stqarr illi s-socjeta` kienet kostitwita f`April 2010 u huwa rrizenja minn direttur fi Frar 2011. Il-kumpannija kienet ghamlet xoghol il-Lukanda Hilton. L-istima kienet tohrog bl-imqieta u kienu jinhargu l-prezzijiet ta` kull *item*. Certu xogholijiet li kellhom isiru baqghu ma sarux ; ghalhekk ma setghux jaghtu informazzjoni lil David Haber. Huwa kellu *claims* bhala *shareholder*. Huwa qata` diversi djun tal-kumpannija. Kien hemm affarijiet li nsterqu minn gol-kumpannija. Ikkonferma li kien hu li ordna lill-ibnu biex isakkar il-garages. Qal illi x-xoghol ta` Nicholas Calleja gie qabel kienet iffurmata l-kumpannija. Meta inqala` l-inkwiet ma` Ludwig Calleja kien hu li nforma lil Nicholas Calleja li ma setax ikompli bix-xogholijiet minhabba l-mandat. Huwa sostna li qatt ma ried ifarrak jew ifalli l-kumpannija. Dejjem xtaq illi jkompli bil-kumpannija li kieku kellu r-rizorsi. Inoltre ma ghandux fiducja f`Ludwig Calleja. Qal illi dan qatt ma nfurmah li kien irrizenja minn direttur. Dwar ix-xoghol ta` ETAS, kompla jahdem ibnu fuq bicca zghira mix-xoghol, peress li ibnu kien jaghmel minn kollox. Zied ighid illi ma jafx x`kien jikkonsisti x-xoghol. Ighid illi huwa qatt ma kecca lil Ludwig Calleja. Huwa ma kienx ikun fuq is-sit tax-xoghol u ma jafx x`kien qed jaghmel ibnu. Sostna li l-kotba tal-kumpannija qeghdin ghandu. Huwa kkonsenja c-cavetta tal-garage li kien mikri lis-sid filwaqt li halla xi oggetti fil-garage.

Waqt il-kontroezami, Samuel Abela accetta illi l-pagament tal-VAT sar minn flus tal-kumpannija. Huwa kien hallas €1378.11 minn tieghu. Ikkonferma li huwa zamm il-karozza li kienet akkwistata mill-kumpannija wara self mill-bank u baqa` jhallas is-self hu minn flusu. Kien mistoqsi dwar id-dokument a fol 107 tal-process. Minnu jidher li saru favur tieghu zewg pagamenti wiehed ta' €800 fit-13 ta` Awissu 2010 u l-iehor ta` €418 fis-26 ta` Awwissu 2010. Stqarr li ma kellux idea ghaliex saru dawk il-hlasijiet favur tieghu. Qal illi x-xoghol tal-RMF sar mill-kumpannija. Pero` x`kien ix-xoghol qal li ma kellux idea. Lanqas dwar il-hlas tal-istess ma kien jaf. Dwar ix-xoghol ta` Michael Catania, stqarr li ma jafx x`hadet il-kumpannija. Ta` Qali sar xoghol ghal certu Joseph Zammit. Kemm kien jiswa x-xoghol qal illi ma jafx ghalkemm gabu hu lejn il-kumpannija. L-istess ighodd ghax-xoghol tal-Bidnija Shooting Club. Ighid illi meta nbidlet is-serratura tal-garage li kien propjeta` tieghu, ma kienx hemm dokumenti.

**Joseph Caruana** mill-Bank of Valletta plc xehed illi s-socjeta` ntimata kellha kont nru 400 190 635 77 li nfetah fil-25 ta` Mejju 2010 u nghalaq fid-9 ta` Gunju 2011. L-ahhar bilanc li kien hemm fil-kont kien ta` €4114.77c u gie trasferit go kont bin-nru 400 122 774 12 f`isem Ludwig Calleja. Il-kont tas-socjeta` kien kien *current account* u kellu *cheque book*. Il-firmatarji tac-*cheque book* kienu jew Ludwig Calleja jew Samuel Abela. Qal illi kien hemm kont iehor bin-nru 400 191 22007 li nfetah fil-21 ta` Gunju 2010 u nghalaq fis-16 ta` Mejju 2011. Il-bilanc kien gie trasferit bil-business overdraft ta` €10000 li jgib in-nru 400 1919 137 31. Dan l-overdraft infetah fis-17 ta` Gunju 2010 u nghalaq fit-28 ta` Mejju 2011. Kien hemm ukoll business loan bin-nru. 400 1919 137 44 li thallas minn Samuel u Silvana Abela.

**Joanna Bartolo** ukoll mill-istess bank ipprezentat it-transazzjonijiet li saru fi flus kontanti minn diversi *branches* minn persuna bil-karta ta` l-identita` numru 433173M. Il-flus kienu zbankati mill-kont 40019113731 intestat fl-isem tas-socjeta` ntimata.

**Marika Micallef** tixhed illi qabel irrizenjat kienet Operations Manager tad-Danish Village xehdet illi kienet saret applikazzjoni ghal fondi mill-UE biex tiddahhal *room management system* fil-kumpless. Spjegat li Michael Bonello kien gab lil Samuel Abela u dan gab lil Ludwig Calleja. Fil-progett kellhom problema ta` inefficjenza. Tghid illi kienet issejjah lil Calleja fl-ahhar tal-gurnata biex jaghtiha rapport ta` x`ikun sar. Qalet li kien hemm okkazzjoni meta Calleja ghaddielha kumment li ma kienx xieraq. Talbet li Calleja jigi sostitwit. Ikkonferma li Bonello kien thallas tax-xoghol wara li tlesta x-xoghol.

Fil-**kontroezami**, stqarret li llum m`ghandhiex access ghad-dokumenti dwar hlas. Tghid li kienet inkarikat nies minn taghha biex jaghmlu x-xoghol baziku.

**Valerio Rizzo** xehed illi huwa kien kera garage lis-socjeta` ntimata. Ghalhekk kien jaf lil Samuel Abela u Ludwig Calleja. Il-garage nkera bejn l-2010 u l-2011. Hu ha lura c-cavetta wara li nqala` l-inkwiet bejniethom. Fil-garage thallew xi affarijiet tad-dawl. Huwa halliehom hemm ghal xi zmien izda mbaghad peress li ma kien mar hadd jigborhom, spicca rema kollox u zamm xi viti.

**Stephen Cachia** mill-Awtorita` dwar it-Trasport f`Malta xehed illi l-vettura SEC 001 tal-ghamla Kia hija registrata fuq isem Samuel Abela ghan-nom ta` L S Pacifico Engineering Limited mill-4 ta` Awissu 2010 u ghadha hekk registrata. Kien hemm ukoll vettura Peugeot 206 registrata fuq Ludwig Calleja.

## III. Konsiderazzjonijiet

**Irtirati l-ewwel u t-tieni talbiet, il-kwistjoni bejn il-partijiet ma tibqax inkawdrata fl-ambitu ta` dak li jipprovdi l-Art 402 tal-Kap 386.**

**Li jonqosha l-Qorti huwa li tipprovdi dwar it-tielet u r-raba` domandi fejn ir-rikorrenti qeghdin jitolbu x-xoljiment u l-istalc tas-socjeta` ntimata u l-hatra ta` stralcjarju. Qeghdin jibbazaw dawn it-talbiet fuq l-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386.**

### 1) Dritt u Gurisprudenza

Id-disposizzjoni li fuqha qeghdin jistriehu r-rikorrenti tghid hekk :

"*kumpannija* ***ghandha*** (enfasi ta` din il-Qorti) *tkun xolta bil-qorti* jekk … *il-qorti tkun tal-fehma li hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpannija".*

Fil-provvediment li tat din il-Qorti fil-11 ta` Dicembru 2014 fil-kawza "**Charles Grech & Company Limited (C2473) v. Firm Camilleri Bros. (Marketing) Company Limited et**" inghad hekk dwar l-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386 :-

*"Is-sinjifikat tad-disposizzjoni huwa car. Tithalla diskrezzjoni wiesa` lill-Qorti sabiex tistabilixxi hi jekk fil-fehma taghha jirrizultawx fatti u cirkostanzi "gravi bizzejjed" li jwassluha sabiex taghmel id-dikjarazzjoni ta` xoljiment u stralc. Fil-Kap 386 ma hemmx tifsira ta` "ragunijiet gravi". Il-Qorti ghalhekk ma ghandha tiskarta xejn. M`ghandhiex tillimita l-esercizzju tad-diskrezzjoni taghha ghal fatti jew cirkostanzi li jkunu sehhew sad-data tal-presentata tar-rikors izda ghandha taghti piz ghal kull ma jigri anke wara sa ma tigi biex taghti d-decizjoni taghha.*

*Fl-Art 122 tal-Insolvency Act 1986 tar-Renju Unit, hemm elenku tac-cirkostanzi fejn kumpannija tista` tigi xjolta u stralcjata mill-Qorti. Disposizzjoni identika ghal taghna fl-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386 ma hemmx fl-Insolvency Act 1986. Il-wahda li tqarreb l-aktar lejha hija l-Art 122(1)(g) li jghid : 'the court is of the opinion that it is just and equitable that the company should be wound up'. Huwa evidenti anke mad-daqqa t`ghajn li d-disposizzjoni taghna hija aktar stretta fis-sens illi fil-kaz taghna l-Qorti xxolji u tistralcja meta fil-fehma taghha ikun hemm ragunijiet gravi bizzejjed, waqt li fil-ligi Ingliza, il-kriterju li fuqu l-Qorti trid tibni l-fehma taghha huwa dak talgustizzja u l-ekwita`. U l-istrettezza tad-disposizzjoni taghna taghmel hafna sens anke ghaliex jekk il-Qorti tesprimi l-fehma li hemm ragunijiet gravi hija obbligata tordna x-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija ; hemm m`ghandhiex aktar diskrezzjoni.*

*Dan premess, il-Qorti tghid li r-riferenza ghall-Art 122(1)(g) tal-Insolvency Act 1986 hija utili ghaliex il-linja li hadu l-Qrati Inglizi biex ighidu x`inhu just and equitable ghall-fini ta` winding up tghin biex tiftah tieqa lill-Qrati taghna ghall-interpretazzjoni ta` x`inhuma ragunijiet gravi bizzejjed. Kull kaz ghandu l-istorja tieghu u ghalhekk il-Qorti trid tibni l-fehma taghha fuq il-fatti u cirkostanzi ta` l-kaz."*

Fl-istess sens kien il-provvedimenti li tat din il-Qorti fil-15 ta` Dicembru 2015 fil-kawza "**Maltese Cross Financial Services Limited v. X**", fil-15 ta` Settembru 2014 fil-kawza "**Ivan Calleja v. M.I.M.S. Supplies Limited**" u fis-17 ta` Gunju 2014 fil-kawza "**Tina Petersone et v. Norvik (Malta) SICAV p.l.c. et**."

Dwar ragunijiet gravi li jistghu jiggustifikaw ordni ta` xoljiment u stralc ta` kumpanija, hemm il-kaz ta` dak maghruf bhala *deadlock.*

L-awturi Jonathan Law u Elizabeth A Martin fid-**Dictionary of Law** (7th Ed.) ighidu :-

*"A compulsory winding-up on grounds of fairness under the Insolvency Act 1986 [s 122(1)(g)] … may occur, for example, when the purpose of the company cannot be achieved, when the management is deadlocked or has been guilty of serious irregularities, or, in small companies run on the basis of mutual trust between members, when the majority have exercised their legal rights in breach of a common understanding between the members when the company was formed."*

Fil-kawza "**Maurice Camilleri et noe vs Frederick Frendo noe et noe**" deciza minn din il-Qorti (**PA/DS**) kien inghad illi :-

*"… l-artikolu … jhalli diskrezzjoni wiesgha f`idejn il-Qorti biex tiddetermina jekk jezistux cirkostanzi li jistghu jitqiesu 'gravi bizzejjed' biex iwassluha li tiddeciedi favur ix-xoljiment ta` kumpannija. X`jikkostitwixxu 'ragunijiet gravi' l-ligi ma tghidilniex u ghalhekk dan irid jigi determinat mill-Qorti a bazi ta` l-apprezzament li hi taghmel tal-fatti kollha tal-kaz. Illi bla dubju ta` xejn, meta tavvera ruhha sitwazzjoni ta` 'deadlock' ta`socjeta` kummercjali dina ghandha titqies bhala raguni gravi bizzejjed li ghandha twassal ghaxxoljiment tas-socjeta`.*

Fil-"**Principles of Maltese Company Law**" (pag. 1022) **Andrew Muscat** jikkumenta hekk :-

***"A company would usually be in a 'deadlock' situation if it becomes impossible to manage its affairs because the voting power at board and general meetings is divided between two opposing groups. A deadlock situation typically arises where a company has two shareholders who are its only two directors and the shareholders hold an equal number of voting shares. If they disagree on major questions in respect of the management of the company, they may be unable to break the deadlock both at board meeting and at general meeting level. Management and other decisions vital to the company will the cease to be taken."*** (enfasi ta` din il-Qorti)

Fil-provvediment li tat din il-Qorti (**PA/AE**) fl-1 ta` Novembru, 2012 fil-kawza "**Av. Dr. Henri Mizzi noe v. Robert Damkjaer (Malta) Limited**" saret enfasi fuq l-importanza u l-htiega li jkun hemm relazzjoni ta` fiducija u integrita` bejn l-azzjonisti ta` kumpannija sabiex l-*objects* taghha u allura n-negozju taghha jkunu jistghu jitwettqu u jsir progress. Fin-nuqqas, it-tilwim u l-antagonizmu jwassal ghal ordni ta` xoljiment u stralc. Il-Qorti qalet hekk :-

*"F`dan l-istadju m`hemmx htiega li l-qorti toqghod tindaga tort ta` min il-kumpannija tinsab fl-istat li hi. L-ezercizzju li trid taghmel hu li tara jekk jezistux ic-cirkostanzi kontemplati mil-ligi biex il-kumpannija tigi xjolta. M`hemmx dubju li r-relazzjonijiet bejn l-azzjonisti u d-diretturi (li kienu l-istess azzjonisti u li issa lkoll irrizenjaw minn tali kariga) kkrollaw ghal kollox. …… Relazzjoni ta` fiducja u integrita bejn l-azzjonisti hi essenzjali biex in-negozju tal-kumpannija jkun success, u biex ir-relazzjoni tkompli. Meta l-partijiet jibdew jaghmlu allegazzjonijiet kontra xulxin ……. is-sens komun jghidlek li hu difficli li tkompli r-relazzjoni bejniethom. Il-kumpannija*

*ma tistax tibqa` topera, u sahansitra Mark Ellul Sullivan stess ikkonferma li dan l-ahhar in-negozju waqaf ghal kollox. Dan ifisser li bhalissa l-kumpannija hi dormant. Fl-antagonizmu li jezisti bejn il-partijiet, ix-xoljiment tal-kumpannija hu l-uniku rimedju li fadal. Fil-fatt ma gie propost l-ebda rimedju alternattiv. .... Fl-arrangament kien mistenni li l-affarijiet tal-kumpannija jitmexxew fi spirtu ta` hbiberija u koperazzjoni ghall-beneficcju komuni ta` dawk involuti. M`huwiex aktar possibbli li z-zewg partijiet ikomplu jahdmu flimkien ghall-gid komuni. L-istat ta` animosita` li ilu jirrenja ghal diversi snin tipprekludi li ssehh xi rikonciljazzjoni u li l-affarijiet tal-kumpannija jitmexxew f`ambjent ta` serenita` u koperazzjoni. Dak li kien inizjalment mahsub li jsehh bil-konkluzjoni tal-ftehim varji li gew iffirmati, ma jistax jigi iktar miksub. Ghalhekk it-talba tar-rikorrenti hi gustifikata."*

Similment fil-provvediment li tat din il-Qorti fil-kawza "**<u>Tina Petersone et v. Norvik (Malta) SICAV p.l.c</u>.**" (op. cit.) inghad illi raguni gravi ohra ghall-fini tal-Art 214(2)(b)(iii) hija meta jkun hemm *breakdown in mutual confidence* :

*"Fuq punt wiehed iz-zewg partijiet huma konkordi u cioe` li hemm "ragunijiet gravi bizzejjed" ghax-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija intimata. Fil-mod u l-manjiera kif svolgew il-fatti, u l-konsegwenzi li gabu maghhom, din il-Qorti hija konvinta minn fatt : illi bejn id-diretturi u s-sid tas-sub-funds li jaghmlu l-kumpannija intimata kien hemm a breakdown in mutual confidence tant car u inekwivoku illi l-kumpannija intimata mhux biss ma tistax tkompli bl-esistenza taghha. Fic-cirkostanzi il-Qorti sejra tapplika l-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386."*

## 2) <u>Risultanzi</u>

L-Art 218 tal-Kap 386 jistabilixxi kif u minn min tista` ssir talba ghax-xoljiment u stralc ta` kumpannija.

Skont is-subinciz (1)(c) ta` din id-disposizzjoni, meta ssir talba lill-Qorti ghall-istralc ta` kumpannija skond l-Art 214(2)(b) tal-Kap 386, it-talba ghandha ssir b`rikors li jista` jsir jew mill-kumpannija wara decizjoni tal-laqgha generali jew mill-bord tad-diretturi taghha jew minn xi detentur ta` obbligazzjoni, kreditur jew kredituri, jew minn xi kontributorju jew kontributorji. Fil-kaz tas-sitwazzjoni prevista mill-paragrafi (b) jew (c) it-talba tkun tista` ssir ukoll minn azzjonist jew direttur.

Fil-kaz tal-lum, l-istanza kienet prezentata korrettement u fil-parametri tal-ligi ghaliex, kif jirrizulta mill-atti, ir-rikorrenti huwa azzjonist tal-kumpannija intimata.

**Dan premess, hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi jezistu ragunijiet gravi bizzejjed sabiex tipprocedi ghax-xoljiment u stralc konsegwenti.**

Irrizulta nfatti illi r-rikorrent kien direttur u huwa azzjonista ta` 50% tal-kumpannija ntimata. L-intimat Samuel Abela kien ukoll direttur, u l-azzjonista bill-50% l-ohra tal-ishma tal-kumpannija ntimata.

Irrizulta li minhabba dizgwid serju li jolqot l-essenza tal-fiducja ta` bejn id-diretturi u l-azzjonisti, il-kumpannija ntimata waqfet ghal kollox milli tkompli topera.

Tar-rikorrent u tal-intimat Abela kienet storja deciza mill-bidu tar-relazzjoni ta` xoghol bejniethom. Jew ikun hemm ftehim bejniethom fondat fuq fiducja reciproka nkella kien destinat li jisfaxxa kollox. Fil-fatt is-socjeta` ntimata kellha ghomor qasir hafna. Kien ikun ahjar illi kieku Calleja u Abela minflok ghamlu kumpannija u dahlu f`xebgha spejjez qaghdu shab biex jaraw kif imorru flimkien qabel jifformalizzaw ir-relazzjoni ta` bejniethom go kumpannija kif bil-qares tat-tnejn illum irrealizzaw xi tfisser. Min ta lil Calleja u lil Abela il-parir li jiffurmaw kumpannija meta r-relazzjoni ta` xoghol ta` bejniethom ma kenitx matura ghandu jidhol wahda sewwa f`qoxortu ! Id-djufija decizjonali tat-tnejn tohrog bl-aktar mod limpidu mir-rassenja tal-provi li l-qorti ghadha kif ghamlet riferenza ghaliha ; propju ghalhekk dahlet fid-dettall.

Milli accertat min-naha tal-istess partijiet, il-Qorti tqis illi b`xorti hazina ghalihom ma hemmx futur ghall-kumpannija intimata. L-unika triq li tirrifletti l-buon sens fis-sinjifikat l-aktar wiesgha tal-kelma huwa x-xoljiment u l-istralc taghha. Fl-istralc kull min ghandu *claim* inkluzi l-azzjonisti jkunu jistghu jressquha ghall-konsiderazzjoni tal-istralcjarju, u jekk tkun tirrizulta fondata, twassal ghal decizjoni, bl-approvazzjoni tal-qorti.

Fil-kaz tal-lum, il-Qorti sabet illi l-inkwiet ta` bejn l-azzjonisti tal-intimata, li kienu wkoll id-diretturi taghha, huwa ben delineat mill-assjem

tal-provi. Kull parti timputa l-htija ghad-disfatta lill-parti l-ohra. Waqt il-gbir tal-provi, issemma` minn kollox. Jekk tghodd kollox ma ghandux ikun hemm l-icken dubju li l-intimata ma tistax tiehu r-ruh.

Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi fil-kaz tal-lum kien ippruvat ghas-sodisfazzjon taghha li jezistu ragunijiet gravi bizzejjed biex tordna x-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija ntimata.

Il-Qorti sabet illi bejn azzjonisti b`ishma ndaqs fil-kumpannija ntimata, parita` li kienet riflessa wkoll fl-ghadd tad-diretturi, tant kien hemm problemi u kwistjonijiet, u dan f`temp ta` ftit xhur wara li l-kumpannija kienet kostitwita, li wasslu *to a point of no return* fejn il-kumpannija oggettivament ma setghetx tibqa' topera.

Tghid illi d-dizgwid bejn id-diretturi, u l-konflitti bejn l-interess personali tal-azzjonisti u dawk tal-kumpannija ntimata kellhom effett tant negattiv li l-kumpannija intimata ngabet fuq irkoptejha u ma setghetx iddawwar ir-rota lejn il-posittiv.

Iddur kemm iddur mal-fatti ta` dan il-kaz jirrizultaw "ragunijiet gravi bizzejjed" ghax-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija intimata.

Fil-mod u l-manjiera kif svolgew il-fatti, u l-konsegwenzi li gabu maghhom, din il-Qorti tibqa` konvinta minn haga certa u cioe` illi bejn id-diretturi u l-azzjonisti kien hemm a breakdown *in mutual confidence and trust* tant car u inekwivoku illi l-kumpannija intimata ma tistax tkompli bl-esistenza taghha.

Fil-kaz tal-lum, il-Qorti sabet illi bejn azzjonisti u diretturi ma kienx hemm l-icken idea ta` tmexxija. Kulhadd baqa` jahseb ghal rasu mhux ghall-kumpannija. L-effett negattiv kien determinanti fin-negattiv fuq is-socjeta` intimata, partikolarment meta rrizulta li x-xoghol li kien tal-kumpannija beda jigi kkompletat mill-azzjonisti nfushom jew familjari taghhom b`mod personali u individwali distint mis-socjeta` intimata. Gara li hadd ma kien jaf fejn hu. Kulhadd spicca disorjentat u t-tmiem kien inevitabbli.

Ghalhekk il-Qorti sejra tapplika l-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386.

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi din il-Qorti qeghda tiddisponi mit-talbiet u mill-eccezzjonijiet billi tipprovdi kif gej :-**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta` l-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrenti stante illi dawn it-talbiet kienu ritirati fil-mori tal-kawza.**

**Riferibbilment ghat-tielet talba, tiddikjara li fil-fehma taghha hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija intimata L S Pacifico Engineering Company Limited (C49292) skont l-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**Riferibbilment wkoll ghat-tielet talba, tordna x-xoljiment tal-kumpannija intimata L S Pacifico Engineering Company Limited (C49292) b`effett mil-lum kif ighid il-proviso tal-Art 223(1) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta. Tordna wkoll l-istralc taghha.**

**Riferibbilment ghar-raba` talba, tahtar lir-Ricevitur Ufficjali bhala stralcjarju tal-kumpannija L S Pacifico Engineering Company Limited (C49292) bis-setghat u bid-dmirijiet li huma stabbiliti fil-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta. Bla hsara ghall-generalita` ta` dawk is-setghat u dmirijiet, tordna illi –**

**(a) wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qaghda tal-kumpannija ntimata, kif irid l-Art 226 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, jaghmel rapport lill-Qorti, kif irid l-Art 227 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta ;**

**(b) jaghmel verifika ta` l-assi u tad-djun tal-kumpannija ntimata u, jekk ikun il-kaz, dwar il-gradwazzjoni tad-djun ;**

**(c) jiehu taht il-kustodja jew kontroll tieghu l-assi kollha tal-kumpannija ntimata, kif ighid u jrid l-Art 237 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta ;**

**(d) jaghmel jew jiddefendi kull azzjoni jew procediment legali iehor fl-isem u fl-interess tal-kumpannija ntimata ;**

**(e) jirrelata dwar il-mizuri mehtiega ghall-harsien tal-assi li fadal tal-kumpannija ntimata ;**

**(f) jipprezenta r-rapport mhux aktar tard minn tliet (3) xhur mil-lum.**

**B`applikazzjoni tal-Art 236(2) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna li l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment, u l-ispejjez kollha tal-istralc, inkluzi d-drittijiet u l-ispejjez tar-Ricevitur Ufficjali bhala stralcjarju tal-kumpannija ntimata, ghandhom jithallsu mill-partijiet kollha *in solidum* bejniethom.**

**Thalli l-istralc ghall-udjenza ta` nhar il-Hamis 27 ta` Ottubru 2016 fid-9.00 a.m.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**